# MINUTI

## Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb

**Laqgha Nru. 14**

**Data:** **29 ta' ~~Mejju~~ Ġunju 2025**

**Hin:** **9.08am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

14.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

14.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

14.5 Korrispondenza u Rapporti;

14.6 Jum l-Gharb 2025;

14.7 Attivitajiet;

14.8 Progetti u Xogholijiet;

14.9 Materji ohra;

14.11 Skeda ta' Pagamenti;

14.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**14.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

14.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.3.1 Is-Sindku ma kellu l-ebda komunikat.

**14.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

14.4.1 Gew trattati s-segwenti mistoqsijiet minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi:

Mistoqsija numru 1: Tigi diskussa u esplorata l-possibilità li jkun hemm izjed prezenza ta' haddiema (kenniesa) fit-toroq madwar ir-rahal, partikolarment fl-inhawi tan-naha ta' wara l-knisja (Birbuba, Mongur u Santu Pietru): Is-Sindku wiegeb li bhalissa l-impjegat li ghandu r-rotta taz-zona ta' Birbuba u San Pietru ma kienx jiflah u ghaldaqstat ix-xoghol kien qed jigi maqsum bejn il-haddiema tar-rottot l-ohra.

Mistoqsija numru 2: Saqsewni xi persuni jekk dis-sena l-Kunsill Lokali hux pjanat li jerga' johrog sejha ghal min huwa interessat li jakkwista xi sigar, kif tqassmu s-sena li ghaddiet. Pjan sejha tas-Sigar: Is-Sindku qabel li galadarba jkun hemm fondi u qbil min-naha tal-Kunsill tista' terga ssir l-inizjattiva tat-tqassim tas-sigar.

Mistoqsija numru 3. Nixtieq nigbed l-attenzjoni dwar sitwazzjoni ta' hajt perikoluz fil-bidu ta' Triq Birbuba, jekk jistax jitranga minn xi haddiema tal-Kunsill jew ikun avvicinat is-sid li jintalab jirrangah, peress li jista' jaqa' u jwegga' lil xi hadd jew issir hsara f'xi vetturi.Hajt Perikoluz fil-bidu ta' Triq Birbuba li qed izomm ma' arblu. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li l-haddiema tal-Kunsill ghandhom jintbghatu sabiex jaraw il-hajt u jaghmlu xogholijiet mehtiega.

Joseph Mizzi staqsa ukoll meta ser jitranġaw il-Balavastri ta' Trejqet tas-Sisien: Is-Sindku qal li l-balavastri l-godda kienu gew ordnati u l-Kunsill qed jistenna li jaslu biex jehlu fuq il-post.

## 14.5 Korrispondenza u Rapporti

14.5.1 Giet trattata korrispondenza fir-rigward tal-applikazzjoni ghal kiosk quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Is-Sindku qal li huwa kien iddiskuta kemm mar-Rettur tas-Santwarju kif ukoll mall-Kurja fejn dawn kienu ilmentaw ghall-fatt li l-Kunsill kien ogezzjona ghal din l-applikazzjoni u ghaldaqstant kienu talbu lill-Kunsill jirtirna tali ogezzjoni. Is-Sindku zied jghid li l-applikant innifsu kien iltaqa' mieghu dwar din il-materja. Is-Sindku qal li dawn kienu infurmawh li l-kiosk li ser jitpogga mhux ser ikun qed jaghti vizual ikbrah peress li ser ikun fil-baxx, jiccaqlaq u mhux daqstant visibli. Huma kienu ilmentaw ukoll ghaliex saret ogezzjoni fir-rigward taghhom filwaqt li l-kiosk tal-gelat qieghed jopera minn fuq il-bankina quddiem is-Santwarju. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jirtira l-ilment tieghu. Fir-rigward tal-kiosk tal-gelat is-Sindku qal li dan kien avvicinah ukoll biex jinhariglu permess pero' s-Sindku qal li ma inhareg l-ebda' permess min-naha tal-Kunsill peress li l-Kunsill m'ghandu ebda' titlu fuq l-art. Huwa ssugerixxa ukoll li ghandu jintalab permess lill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex dan jersaq taht il-hajt. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

14.5.2 Giet trattata korrispondenza min-naha tar-Regjun fir-rigward ta' tfal gejjin mill-Ukraine sabiex il-Kunsill jiehu hsieb jorganizzalhom xi haga f'gurnata minnhom li jkunu hawn. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu gurnata ma' dawn it-tfal u tigi lilhom organizzata xi gurnata kemmuna bid-dghajsa u jkollhom xi ikel ukoll.

14.5.3 Gew trattati s-segwenti s-segwenti applikazzjonijiet ghal permess ta' żvilupp: PA/04023/25, PA/03766/25 u PA/03783/25.

14.5.4 Gie trattat kopja ta' kuntratt li kien gie ippreparat sabiex jigi ffirmat mall-Victoria Hotspurs fir-rigward tal-ground tal-futbol u tac-changing rooms. Is-Sindku spjega li dawn kienu kienu jaghtu donazzjoni lill-Gharb Rangers kull xahar matul is-sena l-ohra u ghal din is-sena lesti li jaghmlu l-istess pero' jirrangaw ukoll ic-changing rooms tal-post. L-arrangament huwa ta sharing managment filwaqt li kull propjeta ghandha tibqa' ghan-nom tal-Kunsill u l-Victoria Hotspurs ma jkollhom ebda' dritt u lanqas jistghu jiehdu loan jew jaghmlu xi tip ta' attivita' minghajr il-kunsens tal-Kunsill.

Saret referenza ukoll ghall-fence tal-ground fejn is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu fondi necessarji sabiex ihallas ix-xoghol li huwa stmat ghal iktar minn €100,000. Il-Vici Sindku staqsa jekk jistax isir tax-xibka bhal tas-sajjieda fejn is-Sindku qal li l-problema hija li t-tfal iqattghuh u ghaldastant il-parti t'isfel trid tkun bilfors fence tal-hadid. Tonio Mifsud issugerixxa sabiex tintalab l-ghajnuna tal-haddiema tal-public works fejn is-Sindku qal li huwa kien diga ghamel talba lill-Ministeru ghal Ghawdex f'dan ir-rigward u l-Kunsill kien qed jistenna risposta. Min-naha tal-Hotspurs kien qed jistaqsu ukoll lill-MFA peress li huma juzaw il-ground.

Lura ghall-kuntratt, gie spjegat li l-Gharb Rangers ser ikollhom l-eskusivita' flimkien ma' gruppi ohra bhala abattini, seminjaru u ohrajn simili li fil-prezent

kienu juzawh ghall-attivitajiet taghhom. Apparti dan Gharb Rangers u Victoria Hotspurs kienu inghaqdu biex ikollhom akkademja ma' xulxin ghat-tfal. Bhala prezzijiet ser ikunu bejb €225 u €300. Dawn ser ikunu qed jithallsu skond l-etajiet. Gie spjegat li clubs ohra kienu ihallsu bejn €400 u €450. Is-Sindku ssugerixxa li tinghata assistenza lill-familji bhala inkoraggament. Huwa qal li din tista' tkun f'forma ta' transport fejn isir lilhom minibus. Il-Vici Sindku staqsa jekk dawn it-tfal hux ser ikunu taht il-lista tal-Victoria Hotspurs fejn is-Sindku qal li le u li min-naha taghhom huma ghandhom ftit tfal u ghalhekk ha tkun li t-tfal taghhom ha jkunu taht il-lista tal-Gharb Rangers u registrati kollha mall-Gharb Rangers. Il-Kunsill qabel li ghanha tinghata assistenza.

14.5.5 Giet trattata Mozzjoni mill-Vici Sindku Louis Apap u ssekondat mis-Sindku David Apap fejn talab il-mozzjoni kienet tghid ISIR STUDJU XJENTIFIKU... Il-Vici Sindku spjega li huwa tal-opinjoni li ghandu jsir dan it-tip ta' studju mil-Ministeru ghal Ghawdex jew xi tip ta' Ministeru iehor, Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jinhareg rizultat ta' kemm ghandu kapacita l-Gharb in Generali bhal fejn jidhol infrastturura skond l-art, inkluz kemm jiflah influs ta' bini, sistema tad-drenagg sakemm tista' twassal, skart, ecc. Dan ikunu studju tajjeb biex jigu ppjanati b'mod sewwa l-infrasttura fir-rigward tar-rahal. Tonio Mifsud qal li fil-futur ghandhom jinhargu l-local plans. Il-Kunsill qabel u l-mozzjoni giet approvata unanimament mill-Kunsill.

Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien qed jahdem sabiex mall-main tad-dawl fejn qed isiru xogholijiet fi Triq Frangisk Portelli jghaddi ukoll in-new water. Huwa spjega li kien hemm problema peress li l-Enemalta ma ridietx pero' kien qed jidhol fiha anke il-Ministru peress li dan huwa service culvert u ser jaraw huma kif is-solvu din il-problema. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab sabiex l-ilma jghaddi ghal Tumas Cassar jew Felic Grech bil-possibilita' li fil-futur jasal fil-Wied ta' Jodros, San Dimitri u anke Wied il-Mielah. Is-Sindku qal li din it-talba saret peress li infethet Triq Frangisk Portelli u li dan kien fil-pjan tal-Water Services li jsir hmistax-il sena ohra pero' galadarba hemm il-possibilita' li jsir issa ikun ahjar. Is-Sindku kompla jghid li fiz-zona tal-Wilga kien hemm problema diga peress li r-residenti kellhom is-sadid mall-ilma u li l-gimgha d-diehla kienet ser issir laqgha biex jigi evalwat kif ser tigi solvuta l-problema. Jekk il-Water Services jaccettaw huwa jipproponi li s-servizzi jghaddi minn taht il-bankina u t-triq issir min-naha tal-water service b'hekk il-Kunsill ma jidholx fi spejjez kbar u min-naha l-ohra l-bankini jkunu kollha l-istess. Is-Sindku kompla jghid li din triq tigi diskussa ukoll mall-KNPD. Huwa ssugerixxa ukoll li ssir bankina fuq in-naha tal-hajt tal-iskola minbabba t-tfal meta johorgu u jidhlu l-iskola. Il-Kunsill qabel mas-suggerimenti tas-Sindku. Is-Sindku qal li l-enemalta trid tghaddi cable biex isahhah d-dawl tal-wilga meta tinqala din iz-zona fejn il-bakini jkunu spiza ghall-Kunsill u huwa issugerixxa ukoll li l-bankini jkollhom katusi gha-servizzi li jghaddu minn taht l-art pero' dan sta ghal Enemalta li taqbel. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li l-Perit ghandu jintalab sabiex jaghmel stima ta' dan u l-entitajiet jigu mgharfa bil-pjanijiet tal-Kunsill u bil-possiblita' li l-wires jinzlu kollha taht l-art.

**14.6 Jum l-Gharb 2025**

14.6.1 Is-Sindku qal li Jum l-Gharb din is-sena ser ikun il-Gimgha u l-attivita' tista' ssir filghaxija u issugerixxa li ssir attivita' simili ghas-sena l-ohra. Huwa qal li l-kantata tista' ssir dwar iz-zjara tal-Papa Gwanna Pawlu II f' Ta Pinu l-Gharb. Il-Kunsill qabel ma' dak ssugerit mis-Sindku. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom isiru n-nominazzjoni fuq il-mezzi socjali sabiex min jixtieq jinnomina jibghat qabel il-laqgha li jmiss.

**14.7 Attivitajiet**

14.7.1 Bhala attivitajiet fil-gimghat li gejjin is-Sindku ssugerixxa sabiex jergghu jsiru l-karoke nights fejn ic-Centru u din iz-zona tinghalaq biex it-tfal ikunu jistghu jilghabu. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

14.7.2 Attivitajiet ohra jinkludu l-Puppet Festival u Kite Festival fejn ghal Kite Festival diga hemm il-fondi approvati min-naha tal-Minsiteru ghal Ghawdex u ghal Puppet il-Kunsill kien ghadu qed jistenna pero' bhala kuntatti diga inbdew. Wara dan ikun hemm il-weekend ta' attivitajiet f'Novembru fejn jinkludu Opera, Make Music Great u Herbs Festival. Is-Sindku qal li r-rapprezentant Taljan Mauro kien issugerixxa li ssir gurnata ta' opra fejn ikun hemm xi haga fuq l-orgni fil-knisja, lunch u filghaxija opra. Tonio Mifsud issugerixxa li ssir xi haga gewwa l-Kazin tal-Banda. Joseph Mizzi ssugerixxa li ssir xi haga fis-sala ta' l-ARB Complex fejn il-pool. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jiddiskuti din il-materja.

14.7.3 Il-Vici Sindku staqsa dwar il-gemallagg ma' Fatima kif kien baqa' fejn is-Sindku qal li peress li f'dan il-post kienu qed isiru l-elezzjonijiet, is-Sindku t'hemm xtaq li jistenna ghal wara l-elezzjonijiet.

14.7.4 Is-Sindku rrefera ghas-Safra bejn Lulju u Awwissu pero' irridu naraw x'seats hemm disponibbli. Saret talba ghat-tickets u f'sitt t'ijiem irid isir kollox. Huwa qal li dan normalment isir hekk ghax tigi irhas pero' huwa difficli li jinsbu 53 seats. S'issa qed issir prova ghal Serbia, French Riviera minn Barcellona jew inkellha Sqallija.Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi skond l-ahhar soluzzjoni.

**14.8 Progetti u Xogholijiet**

14.8.1 Kif diskuss il-Kunsill kien qed jistenna l-ittra tal-Mizura 4.3 fejn diga hemm l-offerta' lesta.

14.8.2 Ix-xogholijiet fuq Tumas Cassar huwa weqfin minhabba Triq Frangisk Portelli.

14.8.3 Qed isiru xogholijiet fiz-zona tal-pool fejn hemm diga l-art lesta u l-lift qed jigi installat. Dan ser ikun imhallaf mill-fondi tal-GAGF. Bhala offerta' ghal-ventilazzjoni qeghda fuq is-Suq. Il-Kunsill qabel li bhala board ikun hemm Louis Apap chairman, David Apap, Lisa Marie Brooke u Franklin Farrugia bhala evaluators.

14.8.4 Il-Latrina ta' Pinu hija miftuha bi prova biex wiehed jara kif ser tadem u wara tiftah ukoll dik ta' Triq Trux.

**14.9 Materji ohra**

14.9.1 Saret referenza ghat-tindif tal-festa fejn dawk li ipprovew ix-xoghol is-sena l-ohra ma riedux jaghmlu din is-sena ukoll. Tonio Mifsud issugerixxa biex isir permezz ta' sweeper pero' gie innotat li dan mhux possibli. Is-Sindku qal li anke haddiema kienu gew avvicinati pero' ma kienx hemm qbil. Ghaldaqstant il-Kunsill kien ghadu jesplora kif ser isir it-tindif tal-festa.

**14.11 Skeda ta' Pagamenti**

14.11.1 Ma kienx hemm skeda ta' pagamenti ghal din il-laqgha.

**14.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

14.12.1 Il-laqgha intemmet fl-10.12am.

14.12.2 Il-laqgha li jmiss ser issir nhar il-Erbgha 30 ta' Lulju, 2025 fid-9am.

Konfermati minn:

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv